A.L. 10 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2010 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2004 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Dental Surgery - B.Ch.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 u 79 ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2010 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2004 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Dental Surgery - B.Ch.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2004 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Dental Surgery - B.Ch.D., ippubblikati bħala Avviż Legali 362 tal-2004, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2009 jew wara.

L-Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. (1) Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà għandu l-ewwel jikkonsidra l-kwalifiki tal-applikanti eliġibbli miksuba fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola, jew minn bord tal-eżamijiet ieħor jekk il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà jkun sodisfatt li l-kwalifiki ppreżentati huma komparabbli fil-kontenut u ekwivalenti fil-livell mal-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola fl-istess suġġett. Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li l-kwalifiki tagħhom ikunu miksuba sal-31 t'Awissu ta' qabel il-bidu tal-Kors jiġu kkunsidrati l-ewwel u sakemm li l-gradi jkunu miksuba flimkien f'sessjoni waħda (jiġifieri f'seduta waħda) tal-eżamijiet u jkunu minn Bord tal-Eżamijiet

rikonoxxut wieħed. Dawn l-applikanti jitpoġġew f'kategoriji skont il-kriteriji mniżżla hawn taħt:

(a) il-gradi miksuba fis-suġġetti li ġejjin fil-livell indikat għandhom ikunu kkunsidrati l-ewwel:

(i) il-Kimika fil-Livell Avvanzat u l-Bijoloġija fil-Livell Avvanzat, minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala s-suġġetti primarji; u

(ii) il-Fiżika, jew fil-Livell Avvanzat jew fil-Livell Intermedju, minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala s-suġġett sekondarju;

(b) grad miksub fis-suġġett sekondarju meħud fil-Livell Avvanzat, għandu, għall-għan tal-għażla, ikun mogħti l-istess valur bħall-istess grad miksub fis-suġġett sekondarju fil-Livell Intermedju;

(ċ) l-applikanti li jkollhom ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jistgħu joffru ċertifikati li għaddew fis-suġġetti primarji u/jew fis-suġġett sekondarju, jew bħala parti mir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jew b'żieda mar-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul;

(d) għall-għanijiet tal-għażla, ċertifikat li għadda miksub f'sessjoni tal-eżamijiet li ssir wara li r-riżultati tas-sessjoni ta' qabilha kienu ppubblikati, għandu jitqies li hu ċertifikat li għadda miksub f'sessjoni li hija distinta minn ta' qabilha. Dan ir-regolament għandu japplika wkoll għas-sessjoni supplimentari tal-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola offrut mill-Bord tal-MATSEC tal-Università ta' Malta skont il-provvedimenti tar-Regolamenti tal-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola u dan minkejja kwalunkwe regolament ieħor li jirregola l-għoti taċ-Ċertifikat tal-Matrikola;

(e) il-kategoriji tal-kwalifiki għandhom ikunu kif ġejjin:

L-ewwel kategorija:	dawk b'2 'A' fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
It-tieni kategorija:	dawk b'2 'A' fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
It-tielet kategorija:	dawk b'2 'A' fis-suġġetti primarji u 'Ċ' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
u	dawk b''A' waħda u 'B' waħda fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda

Ir-raba’ kategorija:	dawk b’‘A’ waħda u ‘B’ waħda fis-suġġetti primarji u ‘B’ fis-suġġett sekondarju miksuba f’sessjoni waħda
Il-ħames kategorija:	dawk b’ ‘A’ waħda u ‘B’ waħda fis-suġġetti primarji u ‘Ċ’ fis-suġġett sekondarju miksuba f’sessjoni waħda
u	dawk b’2 ‘B’ fis-suġġetti primarji u ‘A’ fis-suġġett sekondarju miksuba f’sessjoni waħda
Is-sitt kategorija:	dawk b’2 ‘B’ fis-suġġetti primarji u ‘B’ fis-suġġett sekondarju miksuba f’sessjoni waħda
Is-seba’ kategorija:	dawk b’2 ‘B’ fis-suġġetti primarji u ‘Ċ’ fis-suġġett sekondarju miksuba f’sessjoni waħda
It-tmien kategorija:	dawk b’‘A’ waħda u ‘Ċ’ waħda fis-suġġetti primarji u ‘A’ fis-suġġett sekondarju miksuba f’sessjoni waħda
Id-disa’ kategorija:	dawk b’‘A’ waħda u ‘Ċ’ waħda fis-suġġetti primarji u ‘B’ fis-suġġett sekondarju miksuba f’sessjoni waħda
L-għaxar kategorija:	dawk b’‘A’ waħda u ‘Ċ’ waħda fis-suġġetti primarji u ‘Ċ’ fis-suġġett sekondarju miksuba f’sessjoni waħda
Il-ħdax-il kategorija:	dawk b’‘B’ waħda u ‘Ċ’ waħda fis-suġġetti primarji u ‘A’ fis-suġġett sekondarju miksuba f’sessjoni waħda
It-tnax-il kategorija:	dawk b’‘B’ waħda u ’Ċ’ waħda fis-suġġetti primarji u ‘B’ fis-suġġett sekondarju miksuba f’sessjoni waħda
It-tlettax-il kategorija:	dawk b’‘B’ waħda u ‘Ċ’ waħda fis-suġġetti primarji u ‘Ċ’ fis-suġġett sekondarju miksuba f’sessjoni waħda
L-erbatax-il kategorija:	dawk b’2 ‘Ċ’ fis-suġġetti primarji u ‘A’ fis-suġġett sekondarju miksuba f’sessjoni waħda
Il-ħmistax-il kategorija:	dawk b’2 ‘Ċ’ fis-suġġetti primarji u ‘B’ fis-suġġett sekondarju miksuba f’sessjoni waħda

Is-sittax-il kategorija:	dawk b'2 'Ċ' fis-suġġetti primarji u 'Ċ' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda

(2) Ir-rikonoxximenti tal-Università bħal gradi jew diplomi m'għandhomx ikunu kkunsidrati bħala sostituti għaċ-certifikati fil-livell tal-Matrikola kif speċifikat f'Regolament 7 (1).

(3) Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà għandu jsejjaħ għal intervista lil mhux anqas minn 10 applikanti minn dawk li ġew fil-kategoriji għoljin, sakemm jekk applikant wieħed f'kategorija jissejjaħ għal intervista l-applikanti kollha li jaqgħu fl-istess kategorija għandhom jissejħu wkoll.

(4) Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà għandu jpoġġi lill-applikanti f'ordni tal-mertu finali wara li jikkonsidra d-dispożizzjoni tagħhom, il-motivazzjoni, l-abbiltà fil-komunikazzjoni u l-isfond akkademiku globali. Il-Kumitat għandu jissottometti rapport dettaljat li jinkludi r-rakkomandazzjonijiet finali tiegħu għall-għażla tas-sitt applikanti lill-Bord tad-Dħul tal-Università. Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà jista' jkun mgħejjun minn esperti jekk iħoss il-ħtieġa waqt l-intervisti tal-għażla.

(5) Iż-żewġ postijiet riservati għal ċittadini mhux tal-U.E. skont ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandhom jimtlew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà li jista' jikkunsidra l-ewwel applikanti eliġibbli rrakkomandati skont it-termini ta' ftehim li l-Università tista' tagħmel ma' istituzzjonijiet jew gvernijiet barranin."